MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 53

Il-Ħamis 25 t'Awwissu 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 25 t'Awwissu 2022 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

53.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser ikun indispost. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

53.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 51 u l-minuti tal-laqgħa b'urġenza bin-numru 52 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

53.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

53.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

53.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri ppropona sabiex issir ħarġa soċjo-kulturali f'Malta għar-residenti nhar it-2 ta' Settembru 2022 fejn inżuru diversi postijiet ta' interess. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

53.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li nhar l-4 ta' Settembru 2022 ser taħbat il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi li ser tkun tikkonsisti fil-ġostra tradizzjonali, *watersports*, u l-festa tradizzjnali filgħaxija. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jassisti lill-komunita' tax-Xlendi fl-organizzazzjoni billi jinvolvi lis-Sezzjoni Pawlini Munxarin.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

53.3.3 Is-Sindku ressaq ilment minn residenti li fit-triq arterjali 'Triq ix-Xlendi' hemm bżonn sabiex il-ħajt tat-triq tas-sejjieħ jogħla minħabba skart li qed jiġi mormi llegalment. Kien hemm qbil sabiex dan l-ilmenti jiġi sottomess fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

53.3.4 Is-Sindku ressaq suġġeriment minn dilettanti tal-karozzi klassiċi sabiex issir *car show* fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jorganizza din l-attivita' nhar l-4 ta' Settembru 2022 filgħodu b'akkumpanjament mużikali u jinħareġ avviż.

53.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li saret laqgħa ma' rapreżentanti tal-Awtorita tal-Artijiet, tal-Awtorita' tat-Turiżmu Maltija kif ukoll preżenti kien hemm Spettur tal-Pulizija tal-Komunita' fejn ġiet diskussa s-sitwazzjoni preżenti tal-imwejjed u s-siġġijiet tal-istabilimenti kummerċjali fix-Xlendi. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-għan ta' din il-laqgħa kien li filwaqt li l-Kunsill huwa favur il-kummerċ f'din il-bajja turistika, ikun hemm bilanċ u nfurzar għall-abbużi fejn saħansitra tittieħed parti mit-triq għall-imwejjed u s-siġġijiet ta' xi stabbilimenti kummerċjali.

53.3.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġew sottomessi żewġ applikazzjonijiet għall-fondi taħt l-iskemi maħruġa mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali: SPI/SCI/7/2022 għall-attivita' World Cleanup Campaign nhar is-16 ta' Settembru 2022 u SPI/SCI/8/2022 għall-attivitajiet marbuta mal-Milied 2022 nhar is-17 ta' Diċembru 2022.

## 53.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

53.4.1 Il-Viċi Sindku, Carmela Parnis, staqsiet dwar l-installazzjoni ta' *bus shelter* fi Pjazza tal-Knisja kif ukoll dwar qasab li ddendel għal fuq Triq Kolaċi li qed ikun ta' periklu għall-pubbliku. Is-Sindku wieġeb li għaddejja komunikazzjoni mal-kumpanija FACES sabiex il-*bus shelter* terġa' tiġi nstallata fil-pjazza, filwaqt li kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb ineħħi l-periklu msemmi.

53.4.2 Il-Kunsilliera, Juliet Attard, staqsiet dwar parti minn Pjazza Anfori li hija dejqa fejn qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar din il-materja, kien hemm qbil sabiex issir naħħa minnhom kollha *double yellow line* ladarba l-proġett tal-masterplan

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

ta' Pjazza Anfori mhux ser isir għalissa. Il-Kunsilliera, Juliet Attard ġibdet l-attenzjoni wkoll li ħafna vetturi qed isuqu b'veloċita' qawwija u kontra l-linja tagħhom fi Triq 12 ta' Diċembru 1957. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jinforma lill-pulizija tal-komunita' dwar dan.

53.4.3 Il-Kunsillier, Joseph Cauchi, staqsa dwar il-possibilta' li jsir *storm water culvert* fi Triq Dun Spir Gauci. Is-Sindku wieġeb li dan il-proġett huwa ferm bżonnjuż iżda li l-Kunsill m'għandux fondi għalih, huwa fakkar lill-membri li diġa' kienet saret diskussjoni mal-Ministru Għal Għawdex dwar dan, filwaqt li ppropona sabiex ladarba l-proġett tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar jinħeles issir talba oħra mal-Ministeru Għal Għawdex biex isir dan il-proġett.
Il-Kunsillier, Joseph Cauchi, fakkar ukoll lill-membri sabiex jinstab post fejn isir l-għalf tal-qtates. Is-Sindku ppropona sabiex issir diskussjoni mal-feeders u ma' Animal Welfare u jekk ikun hemm qbil jiġu rilokati għall-parti ta' fuq fi Triq Żgħawri. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan

## 53.5 Proġetti fil-Lokalita';

53.5.1 Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja għaddej fl-aħħar fażijiet tiegħu u bħalissa għaddej ix-xogħol fuq is-sistema tal-irrigazzjoni u s-sistema tad-dawl.

53.5.2 Dwar il-proġett ta' Triq L-Isqawi fil-Munxar taħt żewġ skemi b'ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropeja, is-Sindku għarraf lill-membri li tlesta x-xogħol ta' bini tal-ħitan tas-sejjieħ, sar it-tindif taż-żona u issa jmiss l-installazzjoni tal-i*street furniture* li jinkludu bankijiet, dwal dekorattiv*,* *bins* u *railings*. Rigward it-tieni attivita' marbuta mal-proġett ta' dan il-*belvedere*, il-Kunsill ġie mgħarraf li l-posponiment tagħha minn Settembru 2022 għal April 2023 issa ġiet milqugħa wara li sar l-appell tad-deċiżjoni ta' qabel.

53.5.3 Is-Sindku, Damien Spiteri, għarraf lill-membri li fir-rigward tal-proġett ta' restawr tat-torri tax-Xlendi għaddej ix-xogħol fuq l-installazzjoni tal-istrutturi tal-ħadid li ser jintużaw għall-*information boards* u *railing* tat-taraġ li jagħti għas-sular ta' isfel. Is-Sindku informa lill-membri li l-aperturi tal-injam ġew installati.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

53.5.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li fir-rigward tal-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-*playingfields* fil-lokalitajiet, ġiet installata l-*playhouse*, kif ukoll ġiet approvata t-talba għat-trasferiment tal-fondi sabiex jiġu utilizzati l-fondi allokati għas-*safety mats* li kienu saru taħt skema oħra, filwaqt li jiġu nklużi s-*safety railings* u r-restawr tal-*gazebo* fost oħrajn. Ġiet approvata wkoll estensjoni għat-tlestija ta' dan il-proġett sal-aħħar ta' Diċembru 2022.

53.5.5 Is-Sindku informa lill-membri li minħabba *savings* li għad baqa fil-proġett tal-*planters* tal-pjazza taħt l-iskema maħruġa minn Ambejnt Malta, ser tiġi ppreparata talba sabiex dan is-*savings* imur għall-manutenzjoni tas-*soft areas* tal-pjazza. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 53.6 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2022 – Ġunju 2022 (It-tieni kwart);

53.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2022 sat-3 ta' Ġunju 2022 li ntbagħtu wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.

53.6.2 Ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart Jannar 2022 – Ġunju 2022 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 53.7 Tiġdid tal-kuntratt ta' impjieg tal-iskrivana fi skala 15;

53.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ser jiskadi l-kuntratt tal-impjieg tal-iskrivana fi skala 15. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex dan il-kuntratt jiġġedded mill-1 ta' Settembru 2022 għal tlett snin oħra skont ir-regolament numru 24 dwar il-Gvern Lokali (Riżorsi Umani).

## 53.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

53.8.1 Il-Kunsill irċieva komunikat mill-Awtorita' tad-Djar dwar il-binja tal-Kunsill Lokali biex il-Kunsill jgħaddi aktar informazzjoni lil din l-awtorita' għat-talba li kien għamel il-Kunsill fl-2019 biex il-binja kollha bl-esklużjoni tal-kamra li kienet tintuża bħala għassa tal-pulizija tiġi

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

mikrija lill-Kunsill Lokali. Is-Sindku għarraf lill-membri li waqt laqgħa li saret il-Kunsill Lokali mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru Għall-Wirt Nazzjonali, L-Arti u L-Gvern Lokali Joyce Dimech, ġiet diskussa din il-materja biex tinstab soluzzjoni għal din il-kwistjoni.

53.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand JP2 Foundation sabiex issir attivita' fuq iz-zuntier tal-Knisja tax-Xlendi marbuta mal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu. Ġie deċiż sabiex din l-attivita' ma ssirx mill-Kunsill minħabba li l-Kunsill ma kellux pjan finanzjarju għal din l-attivita kif ukoll kien ġa kkommetta ruħu fuq finanzjament ta' attivita' oħra marbuta mal-festa tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi.

53.8.3 Ċirkulari Numru SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa din l-applikazzjoni.

53.8.4 Ċirkulari DG Numru 7/2022 – Emendi fl-Ordni dwar Stemmi tal-Kumitati Reġjonali u Emendi fil-Regolamenti dwar Proċeduri għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.8.5 Ċirkulari Nru AKL 2022/074 – Inivte – Blue Heart Campaign. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.8.6 Ċirkulari Nru AKL 2022/076 – Launch of EUROPEANMOBILITYWEEK 2022 – Competitions. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.8.7 Ċirkulari Nru AKL 2022/077 – Festi / inizjattivi organizzati mill-Kunsilli Lokali / Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.8.8 Ċirkulari Nru AKL 2022/078 – Attivitajiet organizzati mill-AKL bejn Settembru u Diċembru 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.8.9 Ċirkulari Nru AKL 2022/079 – DOI – Press Release (PR221060). Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.8.10 Ċirkulari Nru AKL 2022/080 – SEM – Invitation to local government representatives. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

53.8.11 Ċirkulari Nru AKL 2022/081 – 4th OPIN Community – Webinar on how to use OPIN.ME and it's Tool Box to engage young people in decision making. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.8.12 Ilment 36/2022

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita' tressaq ilment dwar bank pubbliku li qed jillimita' l-aċċess fuq bankina fi Triq Munxar. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jieħu parir tekniku dwar dan il-każ. Kien hemm qbil mill-membri.

53.8.13 Ilment 37/2022

Resident jitlob sabiex issir manutenzjoni fir-rampa biex taċċessa Sqaq Dun Mikiel Anġ Spiteri fi Triq Il-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri.

53.8.14 Ilment 38/2022

Persuna titlob sabiex jinżebagħ parkeġġ wara l-*bus shelter* ta' Triq San Xmun fix-Xlendi kif ukoll titneħħa l-*keep clear bay* fl-istess triq. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex tintbagħat talba lil Transport Malta biex tara hemmx spazzju biżżejjed biex isir il-parkeġġ wara l-*bus shelter*, filwaqt li ma kienx hemm qbil mill-membri biex titneħħa l-1.5m *keep clear bay* peress li xorta waħda mhux ser tiġwadanja spazzju għall-karozza oħra.

53.8.15 Ilment 39/2022

Residenta titlob sabiex tiġi rilokata l-kaxxa l-blu tal-ħwejjeġ fi Pjazza Anfori fix-Xlendi minħabba nuqqas ta' viżibilta' għall-vetturi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

53.8.16 Ilment 40/2022

Titlob sabiex issir bankina aċċessibli għall-proprjetajiet tagħha fi Triq il-Munxar kif ukoll isiru *bollards* biex ma jibqgħux deħlin bil-vetturi fuq din il-bankina. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill dwar dan il-każ. Kien hemm qbil mill-membri.

53.8.17 Ilment 41/2022

Residenta tressaq diversi punti dwar il-bajja tax-Xlendi li jinkludu: d-daqs taż-żona tal-għawm li hija żgħira kkomparata maż-żona tad-dgħajjes; iċ-ċint tal-*front* tal-bajja sabiex isir kif kien qabel bi spazzju għall-affarijiet tal-għawwiema; suġġeriment biex tiżdied il-bajja bir-ramel; tneħħija tal-ammont kbir ta' papri li jinsabu fix-Xlendi b'detriment għas-saħħa tal-pubbliku; u, spazzju adegwat mad-dawra

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

tal-bajja għal min jgħaddi bil-mixi jew b'siġġu tar-roti. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dawn il-punti, kien hemm qbil sabiex terġa' ssir pressjoni mal-awtoritajiet konċernati u tittieħed azzjoni.

Rigward iż-żona tal-għawm, li hija fir-responsabilita' ta' Transport Malta, kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni biex jikkonfermaw li din qiegħda skont il-permessi maħruġa minnhom.

Dwar iċ-ċint tal-front, is-Sindku spjega kif dan sar mill-Ministeru Għal Għawdex wara pariri mit-tekniċi tagħhom speċjalment minħabba l-mewġ li jaħkem lill-bajja. Il-Kunsill ħa ħsieb għal alternattiva biex l-għawwiema jżommu l-affarijiet tagħhom billi jinstalla inċirata adattata għaż-żmien tas-Sajf.

Rigward it-tkabbir tal-bajja bir-ramel, is-Sindku spjega kif il-Gvern Ċentrali kien għamel studji dwar dan u għandha tingħata aktar attenzjoni. Huwa saħaq li din taqa' fir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali iżda l-Kunsill se jibqa' jagħmel pressjoni.

Dwar l-ammont tal-papri, is-Sindku qal li diġa' intbagħtet korrispondenza lis-Sezzjoni tal-Animal Welfare fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex dwar dan u l-Kunsill għandu jerġa' jiġbed l-attenzjoni.

Fir-rigward tal-ispazzju madwar il-bajja, il-Kunsill għalhekk kien pro-attiv u sejjaħ għal-laqgħa mal-awtoritajiet biex tittieħed azzjoni dwar l-abbbuż bl-imwejjed u s-siġġijiet tal-istabilimenti kummerċjali.

## 53.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

53.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 53/2022-8 għall-perjodu bejn il-21 ta' Lulju 2022 u l-25 t'Awwissu 2022 li tammonta għal €40,734.31 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Juliet Attard kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Joseph Cauchi is-sekondant.

## 53.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

53.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 20 ta' Settembru 2022 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tlieta 20 ta' Settembru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR